**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta tat-30 t' Awissu 2018**

**Il-Pulizija (Spettur Leeroy Balzan Engerer)**
**vs**
**Mohannad Misrati**

**Il-Qorti;**

Rat li Mohannad Misrati detentur tal-karta tad-dokument ta' l-ghazil bin-numru 23923/18 gie mressaq quddiemha akkuzat illi:

*Nhar s-16 ta' Awwissu 2018 bejn it-03.30hrs u t-03.30Hrs f' San Giljan u fil- vicinanzi:-*

1. *Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, b'arma regulari, inkella bi strumentli jaqta' jew iniggeż ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mohammed Ouattara detentur tal karta ta l-identita' b'numru 36865A; (Art. 221(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta)*

2. *Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, b'arma regulari, inkella bi strumentli jaqta' jew iniggeż ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Hamza Elhadi Essayed detentur tal karta ta l-identita' b'numru 176526A; (Art. 221(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta)*

3. *U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied(Art. 338(dd) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta);*

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Awissu 2018 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u dana wara li fl-istess seduta tat-30 ta' Awissu 2018 bdew jinstemghu x-xhieda mressqa mill-Ufficjal Prosekutur.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 221 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u li l-imputat irregistra ammissjoni f' dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt li wiehed mill-vittmi Hamza Elhadi Essayed detentur tal-karta ta' l-identita' numru 176526A hafer lill-imputat ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-griehi sofferti minnu.

Ghalhekk il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi, piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja.

**Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, din il-Qorti ssib lill-imputat Mohannad Misrati hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghall-perijodu ta' tlett snin (3) snin mil-lum.**

**Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mohannad Misrati l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali.

Dr Simone Grech LL.D.
Magistrat                                                                Deputat Registratur